**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 4 T'APRIL 2019.**

**Rikors Nru. 1148/2009GM**

**R.C. Construction Company Limited**

**vs**

**C&F Building Contractors Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2009 mis-soċjeta` R.C. Construction Company Limited li permezz tiegħu wara li ppremettiet:

1. Illi s-soċjeta` konvenuta C&F Building Contractors Limited kienet responsabbli mill-kostruzzjoni ta' fabbrika gdida tal-Coca Cola fil-Marsa, u għall-habta tal-bidu ta' Ottubru tas-sena 2007, kienet tat b'sub-appalt lis-soċjeta` attriċi parti mill-kuntratt relattiv.

2. Illi dan kien wieħed minn diversi proġetti illi fihom, is-soċjeta` konvenuta tat sub-appalt lis-soċjeta` attriċi.

3. Illi s-soċjeta` attriċi kienet tagħmel dawn ix-xogħolijiet bi shab u/jew b'sub-appalt ulterjuri ma' terzi.

4. Illi fil-kors tax-xogħolijiet, is-soċjeta` konvenuta kienet teffettwa xi pagamenti, kemm permezz ta' cekkijiet, u kif ukoll permezz ta' materjal, u s-soċjeta` attriċi, min-naha tagħha, kienet sussegwentement thallas ukoll lil terzi involuti fl-istess proġetti.

5. Illi l-pagamenti illi saru b'dan il-mod mis-soċjeta` konvenuta in konnessjoni mal-proġett *de quo* fil-Marsa kienu jammontaw għal Lm 43,932.18 [illum €102,334.46] imqassmin fuq pagamenti skond ma jidher fuq id-dokument hawn anness u esebit u mmarkat **Dok. A**.

5. Illi s-soċjeta` attriċi nkarigat *quantity surveyor* sabiex ikejjel ix-xogħolijiet, illi kienu jammontaw għal Lm 84,803.74 [illum €197,539.58], u dan skond ma jista' jirriżulta, l-ewwel nett miċ-ċertifikat relattiv maħruġ minn Kevin Parascandalo, illi kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u esebita u mmarkata **Dok.B,** illi jkopri l-pjan terran [ *Ground Floor* - valur Lm 27,549.25], l-ewwel sular [valur Lm 16,690.94] u r-recint [*Boundary Wall* - valur Lm 39,068.41]. Ma' dan ic-certifikat wieħed irid iżid imbagħad l-*invoice* maħruġa mis-soċjeta` attriċi illi kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u esebita u mmarkata **Dok.C**, illi tkopri xogħoljiet addizzjonali bhal tbaxxija ta' twieqi, tkissir ta' konkos, tbaxxija ta' l-opra morta u demolizzjoni ta' ħitan, u tgħollija ta' blajjet) fl-ammont ta' Lm 1,495.14.

6. Illi effettivament, meta wieħed jieġu kont tal-pagamenti illi saru akkont mis-soċjeta` konvenuta, (*vide* **Dok.A** ga` anness), kif ukoll il-valur tal-materjal użat fil-kostruzzjoni, tal-valur ta' €79,713.68 [gia` Lm 34,221.08] kif jirriżulta mid-dokument maħruġ mis-soċjeta` konvenuta illi kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata **Dok.D**, jirriżulta illi l-istess soċjeta` konvenuta hija tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' ħmistax-il elf erba' mija u wieħed u disgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċentezmu (€15,491.24), u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u esebit u mmarkat **Dok.E**.

Talbet lill-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi għal xogħolijiet illi saru mill-istess soċjeta` attriċi fuq inkarigu tas-soċjeta` konvenuta fl-ammont ta' €15,491.24 jew ammont iehor verjuri illi jista' jigi likwidat, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna kwindi lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €15,491.24 jew ammont iehor verjuri.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` konvenuta illi tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni, u bl-interessi legali mit-22 ta' Marzu 2009, data meta sar il-kejl effettiv, u kwindi d-data meta kien dovut il-pagament, sad-data tal-ħlas effettiv;

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' C&F Building Contractors Limited li permezz tagħha eċċepiet li kienet hallset dak kollu li kien minnha dovut lil dik rikorrenti u għalhekk m'għandha tagħtiha xejn;

Semgħet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar 2010 fl-atti tar-Rikors Maħluf Numru 795/09 li permezz tiegħu ordnat li l-atti ta' din il-kawża jinġiebu quddiemha biex jinstemgħu flimkien mal-atti ta' dik il-kawża[1];

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz kif ukoll dawk tar-Rikors Guramentat Numru 795/09;

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawża hija dwar xogħlijiet ta' subappalt esegwiti mis-soċjeta` attriċi fuq inkariku tas-soċjeta` konvenuta li kienu jikkonsistu fil-bini ta' *administration block* u *boundary wall* parti minn proġett ikbar ta' kostruzzjoni ta' fabbrika tal-General Soft Drinks Limited. Qam diverbju bejn il-partijiet dwar il-kejl u xi rati applikabbli bil-konsegwenza li ż-żewġ naħat jgħidu li huma kredituri ta' xulxin – is-soċjeta` konvenuta titlob rifużjoni ta' dak li ssostni li ħallset żejjed - €47,606 (qed tagħmel dan fil-kawża l-oħra - Rik.Gur. 795/09), filwaqt li l-attriċi ssostni li għad ma tħallsitx tax-xogħol kollu u fadlilha titħallas €15,491.24;

Illi f'Rik.Ġur. 795/09, C&F tgħid li ħallset €106,993.22 lil R.C. iżda waqt is-smiegħ irriżulta li hemm €4,658.74 minnha li tirrigwarda xogħol fuq sit ieħor. Għalhekk is-somma mħallsa hi ta' €102,334.48. C&F ikkunsinnat ukoll materjal jiswa €79,713.68. Total imħallas: €182,084.16;

[1] Fol 69

Illi skont ir-rapport tal-Perit Tekniku kif minnu emendat, il-valur tax-xogħlijiet hu ta' €93,816.87 u għalhekk R.C. hi debitriċi ta' C & F għal €1,096.77;

Illi R.C. ma taqbilx mar-rapport peritali billi ssostni li kellha titħallas iktar minħabba l-għoli mhux normali tas-sulari. In sostenn tal-pretenzjoni tagħha, tiċċita r-rapport tal-*Quantity Surveyor* Kevin Parascandalo[2] u żewġ dikjarazzjonijiet ta' dak li ssejjaħ żewġ esperti f'dan il-qasam. Ir-rapport ta' Kevin Parascandalo ma jesprimix opinjoni iżda sempliċiment jagħmel stima b'rati ogħla għal "extra over for abnormal height". Id-dikjarazzjonijiet taż-żewġ esperti ġew esibiti mingħajr permess tal-Qorti wara l-għeluq tal-provi flimkien ma' rikors biex jiġu kkonfermati bil-ġurament[3] u għalhekk ġustament din il-Qorti, diversament ippreseduta, ċaħdet it-talba. Mhux eżatt dak li tallega s-soċjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li din il-Qorti (diversament ippreseduta) ċaħdet xi talba biex dawn jiġu sfilzati.[4] Li jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2018 hu li l-Qorti ċaħdet it-talba kontenuta fir-rikors imsemmi u waqfet hemm, apparti li ddikjarat li l-istadju tal-provi kien magħluq. Ma jagħmilx sens li l-Qorti ċaħdet it-talba li d-dokumenti jiġu kkonfermati bil-ġurament u fl-istess nifs ammettiet il-produzzjoni tad-dokumenti. It-tenur tal-provvediment tagħha loġikament kien li dawn ukoll mhux ammissibbli bħala prova. Wara kollox, normalment, l-ebda stqarrija ma hija ammessa bħala prova jekk ma tkunx ikkonfermata bil-ġurament. Għalhekk din il-Qorti, kif issa ppreseduta, mhix sejra tieħu konjizzjoni tagħhom. F'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax ma tiċċensurax lis-soċjeta` konvenuta talli qabdet u ppreżentat dokumenti mingħajr awtorizzazzjoni meta l-provi kienu magħluqin. Apparti li dan jirreka inġustizzja lill-kontroparti, in-nuqqas ta' dixxiplina proċesswali akkompanjata minn tattiċi ta' dan it-tip huma waħda mill-kawżi ta' dewmien bla bżonn tal-kawżi, li xi drabi jsarraf fi ksur tal-jedd fundamentali ta'

[2] fol 8 u 13 tal-kawża 1148/2009
[3] fol 339 tal-process tal-kawża 795/2009
[4] fol 347 tal-process tal-kawża 795/2009

smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli wasal iż-żmien li jinqatgħu darb'għal dejjem. In eskussjoni, l-Perit Tekniku baqa' jsostni li r-rata tibqa' l-istess independentement mill-għoli u din il-Qorti ma tarax raġuni l-għala għandha ma toqgħodx fuq il-konstatazzjonijiet esperti tiegħu;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attriċi. Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca